**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Gunju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Priscilla Caruana**

**Vs**

**Giuseppa Cassar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Giuseppa Cassar ta' 61 sena, bint il-mejjet Carmel u Francesca nee' Scicluna, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Jannar 1953, detentrici ral-karta ta' l-identita' bin-numru 87853M u residenti gewwa 122, Joslen, Vjal ix-Xarolla, Zurrieq;

Talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, w ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda fi granet u hinijiet differenti bejn Novembru 2013 u Marzu 2014, minn gewwa r-residenza numru 24, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara:

1) Ikkommettiet serq ta' flus u oggetti ikkwalifikat bil-persuna, bil-lok u bl-ammont liema ammont jaccedi l-elfejn, tliet mija w disgha w

ghoxrin eur w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) w dan ghad-detriment ta' Simone Schranz u/jew persuna jew persuni ohra

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fis-6 ta' Marzu 2014 kien sar rapport lill-Pulizija minn Simone Schranz u r-ragel taghha Lewis, li l-imputata li kienet tghinhom fit-tindif tad-dar kienet qed tisraq il-flus taghhom. Il-konjugi Schranz kienu nnutaw li kellhom xi oggetti tad-deheb li kienu gew nieqsa fix-xhur ta' qabel, u ssuspettaw fiha. Wara certu zmien, indunaw li anke flus gew nieqsa. Ghalhekk, dakinhar, huma hallew il-vazett tal-hgieg bil-flus taghhom fih, bhal ma jaghmlu s-soltu, izda kienu kitbu n-numri serjali kollha tal-karti tal-flus li kellhom. Huma hallew karti tal-ghoxrin u tal-hamsin Ewro, b'kollox ghall-valur ta' hames mija w hamsin Ewro. Aktar tard dakinhar, raw li kellhom sebghin ewro nieqsa, u qabblu n-numri serjali tal-karti li kien fadal biex jaslu ghal dawk li gew nieqsa. Dawn l-flus, karta ta' hamsin u ohra ta' ghoxrin, instabu fil-pussess tal-imputata. Ghalhekk issejhet il-Pulizija fuq il-post bdew l-investigazzjonijiet taghhom. Ittiehdet stqarrija dakinhar stess, fejn ammettiet li kienet hadet is-sebghin Ewro, izda cahdet li kienet hadet flus ohra qabel, u cahdet ukoll li kienet hadet l-oggetti prezzjuzi l-ohra.

Mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni, ghalkemm akkuzat lill-imputata bis-serq tal-oggetti prezzjuzi ta' Simone Schranz, ma rnexxilhiex tipprova dan il-kaz lil'hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Fl-ewwel lok, il-valur tal-oggetti li gew nieqsa ma giex ippruvat, u ghalhekk il-Qorti ma tafx kemm kienu jiswew dawk l-oggetti. Kull ma gie esebit mill-parte civile kien ritratti tal-

oggetti li gew nieqsa. Minn dawn l-istess ritratti, l-espert imqabbad mill-Qorti ma setax jasal ghall-valur taghhom, ghal ragunijiet ovvji. L-anqas ma gew esebiti xi ricevuti ta' kemm kienu jiswew dawk l-oggetti. Ghalhekk il-kwalifika tal-valur ma jistax jissussisti. Fit-tieni lok, ghalkemm jista' jkun li dawn ittiehdu mill-imputata, ma giet prodotta ebda prova diretta fil-konfront taghha, u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' serq, ser jibqa' japplika biss ghas-sebghin ewro li ttiehdu *ex admissis* mill-imputata stess. L-anqas jista' jigi applikat ir-reat kontinwat f'dan il-kaz, peress illi l-provi waslu biss ghal dakinhar li nsterqu s-sebghin Ewro u mhux ghall-okkazjonijiet ohra. Ghalhekk, bhala reat ta' serq, jibqa' kkwalifikat biss bil-lok u bil-persuna, izda mhux ukoll bil-valur, peress illi l-flus misruqa ma jammontawx ghal aktar minn mitejn u tlieta w tletin Ewro. L-Artikolu tal-ligi li huwa applikabbli ghal dan il-kaz huwa 281(b) tal-Kap 9. L-Artikolu 18 mhuwiex applikabbli.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat li l-imputata tista' titqies bhala 'first-time offender', in vista tal-fedina penali taghha, izda hi tal-fehma li reat bhal dan, anke jekk fuq sebghin Ewro biss bhala valur, huwa tradiment serju tal-fiducja li giet fdata biha mill-persuni li tawha impieg. Il-Qorti hi tal-opinjoni li min jigi fdat bil-kontenut shih ta' residenza m'ghandu qatt jittradixxi dik il-fiducja fdata fih. L-imputata tghid li qisu waqghet dalma fuqha u ma ratx, u spiccat biex serqet il-flus minn ghand Schranz. Dan ammettietu fir-rapport tal-Pulizija kif ukoll fl-istqarrija li kienet tat, u kkonfermatu meta xehdet *viva voce* quddiem din il-Qorti. Li kieku s-sinjuri Schranz ma qaghdux ghassa ghall-flus fil-vazett, jista' jkun li l-imputata ma kienetx ser tinqabad. Hi ammettiet ghax inqabdet fil-fatt. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija effettiva lill-imputata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 30, 31, 261(c)(d)(e), 263, 267, 268(a), 269(g), 279(b), 280(1), 281(b), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputata hatja ta' serq ikkwalifikat bil-lok u bil-persuna, izda mhux bil-valur, u tikkundannaha ghall-piena ta' tminn (8) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**